29 OCT 2021

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IT-TMINN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 550**

**It-Tlieta 28 ta' Settembru 2021**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' b'mod virtwali permezz ta' *Microsoft Teams*, fis-6.10 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Sindku
Bernice Farrugia - Viċi Sindku
Mark Grech - Kunsillier
Joseph Buttigieg - Kunsillier
Ghislaine Bongailas - Kunsilliera
Angelo Scicluna - Kunsillier
Joseph Vella – Kunsillier
Angel Gwyn Louisielle Camilleri - Kunsilliera
Anna Calleja - Kunsilliera
Joseph Agius - Kunsillier
Patrick Barbara - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Ma kien hemm ħadd assenti.

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

**550.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

550.1.1 Ma kienx hemm ittri t'apoloġiji.

**550.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti**

550.2.1 Il-minuti tal-548 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara.

**550.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

550.3.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-*Junior Science Club Animator* kien ġie magħżul u l-lezzjonijiet tax-xjenza kienu ser jibdew isiru kull nhar ta' Erbgħa fis-sala tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-applikazzjonijiet għal dan il-kors kienu miftuħa għall-pubbliku. Is-Sindku żied jgħid li l-ewwel lezzjoni kienet ser issir nhar l-Erbgħa, 27 t'Ottubru, 2021.

550.3.2 Is-Sindku tkellem dwar il-korrispondenza li kienet intbgħatet mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn il-Kunsill ġie mitlub jindika permezz ta' *google maps*, il-lokazzjonijiet, sabiex l-*e-scooters* ikollhom post fejn jipparkjaw. Is-Sindku qal illi kien għadda lista lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali sabiex jibdew id-diskussjonijiet. Is-Sindku żied jgħid li l-lokazzjonijiet kienu fiż-żona ta' St Peter fil-viċinanzi tal-klabb tal-boċċi, fi Triq is-Santwarju fl-ex venda ta' Ħaż-Żabbar, f'Misraħ is-Sliem, f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi u fil-*Housing Estate*.

550.3.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi fil-ġimgħat li għaddew l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali kienet iffirmat ftehim mad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi biex il-Kunsilli jkunu jistgħu jagħmlu użu mis-servizz ta' tekniċi esperti kif ukoll tal-ħaddiema assenjati mad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsilli nteressati jkunu jridu jidħlu fi ftehim mad-Dipartiment sabiex ikun stabbilit l-iskop u d-durazzjoni tal-proġett. Il-Kunsill mhux ser ikun qed iħallas għax-xogħlijiet (*labour costs*) iżda jrid jipprovdi l-materjal. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jagħmel użu minn dan il-ftehim.

550.3.4 Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għaċ-ċirkulari 7/2021 - Emendi Legali fil-Leġislazzjoni tal-Gvern Lokali u qalet li l-membri tal-Kunsill jistgħu jkunu assigurati fi skema tas-saħħa u *Life Policy* (*death benefits*). Is-Sindku qal li huwa kien interessat li jissieħeb u staqsa lill-membri preżenti jekk kienx hemm min hu nteressat f'din l-assigurazzjoni. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sindku jissieħeb fl-assigurazzjoni tal-*Life Policy* u li l-Kunsill iħallas is-somma ta' €65 lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

550.3.5 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien irċieva talba sabiex jingħata isem ta' sqaq fi Triq San Ġużepp. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi r-resident li kien ressaq din it-talba

kien issuġġerixxa li dan l-isqaq jissemma Sqaq ix-Xemgħa. Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk kienx hemm xi raġuni il-għaliex dan l-isqaq għandu jissemma Sqaq ix-Xemgħa. Is-Sindku qal li r-resident ma kien ta l-ebda raġuni. Is-Sindku talab lill-Kunsillieri preżenti sabiex fil-laqgħa li jmiss jipproponu isem għal dan l-isqaq.

550.3.6 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-kors Għaqal id-Dar, Ħajja Aħjar 2 kien ser jiġi organizzat u l-ġurnata tal-kors kienet ser tkunu kull nhar ta' Tlieta, fis-sala tal-Kunsill. Is-Sindku żied jgħid li dan il-kors huwa estenzjoni tal-kors Għaqal id-Dar 1, imma mhux bilfors li wieħed irid ikun attenda kors 1 biex jattendi kors 2 u l-kors huwa mifrux fuq 4-6 ġimgħat b'kull sessjoni ddum madwar sagħtejn. Is-Sinjura Anna Calleja qalet li l-Kunsill kien qed jistenna konferma biex il-kors jibda jsir mill-5.00 ta' filgħaxija 'l quddiem minflok mill-4.00 ta' filgħaxija.

550.3.7 Is-Sindku qal illi fi Triq l-Inħasa kantuniera ma' Triq il-Mehrież kien hemm problema bil-ħitan tas-sejjieħ. Is-Sindku qal illi kien waqa' il-ħajt tas-sejjieħ u kien ser jitkellem mal-perit tal-Kunsill sabiex jara kif tista' tissolva l-problema minħabba li hemm il-ħamrija nieżla fit-triq. Is-Sindku talab li jingħata l-konkos fejn m'hemmx asfalt. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi jekk it-triq qatt ma ġiet asfaltata jew jekk l-għalqa hija proprjetà privata, din ma taqax taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill u għalhekk ma jistgħux jintefqu fondi pubbliċi. Il-Viċi Sindku staqsiet jekk il-ħitan tas-sejjieħ ta' Triq il-Mehrież kienux pubbliċi. Is-Sindku qal illi l-għelieqi kienu privati u l-esproprjazzjoni kienet għada ma saritx. Il-Viċi Sindku staqsiet jekk kienx hemm xi Miżura li permezz tagħha seta' jsir restawr tal-ħitan tas-sejjieħ. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv. Il-Viċi Sindku staqsiet kif kien ser jintervjeni l-Kunsill jekk l-għelieqi kienu privati. Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien ser jieħu miżuri ta' prekawzjoni sabiex jitneħħa l-periklu u mhux jibdel il-ħitan tas-sejjieħ.

550.3.8 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kienu tlestew diversi toroq mill-Gvern Ċentrali fosthom Triq iż-Żarżarell , Triq id-Dliela, Triq il-Baħrija u Triq il-Werżieq. Barra minn hekk kien għaddej xogħol ta' *resurfacing* fi Triq l-Iskola, Triq Santa Tereża, Triq Felice u Triq Corrado. Is-Sindku żied jgħid li fil-ġimgħat li ġejjin kien mistenni li jingħata wiċċ ġdid fi Triq Bajada u Triq Spadaro.

550.3.9 Is-Sindku qal illi l-*Planning Authority* kienet approvat l-applikazzjoni għall-proġett ta' titjib ta' Ġnien il-Mistrieħ fiż-żona ta' St Peter. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament biex tinħareġ is-sejħa għall-offerti sabiex isir xogħol ta' titjib fi Ġnien il-Mistrieħ. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lill-membri preżenti li l-perit tal-Kunsill kien għadu qed iħejji l-applikazzjoni sabiex tiġi sottomessa t-talba għad-*Development Planning Funds.*

550.3.10 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-*Planning Authority* kienet approvat l-applikazzjoni sabiex isir il-Proġett ta' Bir Għelliem.

550.3.11 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li Transport Malta kienet approvat il-pjanti sabiex jiġu organizzati l-ispazji ta' parkeġġ fi Triq Sant' Antnin. Is-Sindku żied jgħid li x-xogħol ta' żebgħa tal-art kien ser jiġi mplimentat fil-ġimgħat li ġejjin.

550.3.12 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien għaddej bi studju sabiex isir *traffic management* kif ukoll sabiex jiġi organizzat il-parkeġġ fiż-żona ta' Buleben iż-Żgħir.

550.3.13 Fis-6.30 ta' filgħaxija s-Sur Mark Grech daħal għal-laqgħa.

550.3.14 Il-Viċi Sindku staqsiet f'liema toroq kien ser isir tibdil tal-*one way*. Is-Sindku qal illi Triq Erminia Cilia Abela u Triq Margerita Camilleri kienu qed jiġu kkunsidrati li jsiru *one way*.

550.3.15 Is-Sindku tkellem dwar il-proġett tal-*Wasteserv* permezz ta' proġett tal-*Urban Greening* u nforma lill-Kunsill li kien inbeda l-proċess sabiex isir *survey* tal-ex venda ta' Ħaż-Żabbar li qiegħda fi Triq is-Santwarju, fi Triq Ġużeppi Pace, fi Triq Santa Duminka u fi Triq il-Marloċċ kantuniera ma' Triq San Ġużepp.

550.3.16 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-perit tal-Kunsill kien qed iħejji d-dokumenti neċessarji sabiex isir xogħol ta' titjib tal-latrina pubblika, xogħol ta' restawr tal-faċċati tal-Mużew tas-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja u l-faċċata taċ-Ċimiterju ta' Ħaż-Żabbar.

550.3.17 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien ser jingħata ħamsa u għoxrin (25) arblu tad-dawl sabiex jitwaħħlu fil-lokalità. Is-Sur Joseph Agius talab sabiex wieħed mill-arbli jitwaħħal fi Triq il-Fikus. Is-Sindku żied jgħid li dawn l-arbli setgħu jiġu utilizzati sabiex jitwaħħlu l-*cameras* tas-sigurtà sabiex jonqos l-abbuż tal-iskart. Is-Sur Joseph Vella staqsa min kien ser jieħu ħsieb il-monitoraġġ ta' dawn il-*cameras* tas-sigurtà. Is-Sindku qal li dawn il-*cameras* jistgħu jiġu immoniterjati mil-LESA u jew mill-pulizija permess tal-*internet*.

550.3.18 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien investa f'*rotary hammer*, *cutter* u *impact wrench* b'valur ta' €2,510. Is-Sindku żied jgħid li din l-għodda kienet ser tintuża mill-ħaddiema tal-Kunsill.

550.3.19 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li bħalissa kien għaddej xogħol ta' titjib fis-sala tal-Kunsill u kien inbeda x-xogħol ta' twaħħil tal-*parquet*, kienu ser jinxtraw għoxrin siġġu sabiex jintużaw mill-istudenti li jattendu l-korsijiet u żewġ imwejjed. Is-Sindku żied jgħid li kif titlesta s-sala kien ser jibda x-xogħol ta' tisbiħ tal-librerija.

550.3.20 Is-Sindku ssuġġerixxa li jinxtraw kotba għal-librerija lokali għall-persuni neqsin mid-dawl. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill kien ser jitlob il-parir tal-librara sabiex jintgħażlu l-kotba.

550.3.21 Is-Sindku ssuġġerixxa li jingħata isem lil-librerija għal personaġġ Żabbari. Is-Sinjura Anna Calleja issuġġeriet li l-librerija tissemma għas-Sur Karmenu Bonavia.

Is-Sindku qal illi kien hemm il-ħsieb li tissemma triq għas-Sur Karmenu Bonavia u minflok issuġġerixxa li l-librerija tal-Kunsill tissema għas-Sinjura MaryGrace Pace li kienet tieħu ħsieb il-kikkra kulturali u fil-passat kienet għalliema fl-iskola ta' Ħaż-Żabbar. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li l-librerija lokali tissemma għas-Sinjura Pace. Il-Viċi Sindku qalet li ma kinitx issib oġġezzjoni li s-sala tissemma għas-Sinjura Pace u ssuġġeriet li tissemma xi triq jew xi lok ieħor għall-Profs Angelo Psaila. Is-Sindku qal illi l-Kunsill diġa kellu l-ħsieb li jsemmi triq għall-Profs Psaila.

550.3.22 Is-Sinjura Anna Calleja rreferiet għall-korrispondenza li kienet intbgħatet dwar applikazzjoni tal-*Planning Authority* numru PC 14/21 fejn l-applikant kien bagħat jinforma lill-Kunsill illi ż-żona inkwisjoni kienet proprjetà tal-applikant u talab lill-Kunsill sabiex jirtira l-oġġezzjoni li kienet saret. Is-Sindku qal illi l-applikant kien applika sabiex jinbidel l-allinjament tal-bini fi Triq il-Grazzji u l-Kunsill kien oġġezzjona. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jikkonsulta mal-perit u mal-avukat tiegħu dwar din il-kwistjoni. Is-Sinjura Anna Calleja qalet li l-applikant kien għamel dikjarazzjoni li ż-żona ndikata fl-applikazzjoni hija proprjetà tiegħu.

550.3.23 Is-Sindku tkellem dwar iċ-ċirkulari mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali relatata mal-*President's Solidarity Fun Run 2021* li ser issir nhar il-Ħadd 14 ta' Novembru, 2021. Peress illi ma tistax issir rotta waħda minħabba l-pandemija tal-COVID 19, il-Kunsill ġie mitlub biex b'ko-ordinament mar-Reġjun jidentifika rotta fil-lokal, ta' madwar 2/3km u li kemm jista' jkun ma tostakolax it-traffiku. Barra minn hekk il-Kunsill ikun involut fi-reġistrazzjoni, ġbir tar-reġistrazzjoni kif ukoll tqassim tal-flokkijiet u n-numru tal-parteċipanti. Kull kunsill huwa mitlub li jsib madwar mitt parteċipant fil-mixja. Is-Sindku żied jgħid li l-mixja f'Ħaż-Żabbar kienet ser tibda minn ħdejn il-grawnd tas-St Patrick ~~Park ta' San Klement~~ u tgħaddi minn Triq Bieb is-Sultan, Triq Bormla, Triq il-Kbira, Misraħ is-Sliem, Misraħ San Ġakbu, Triq Santa Marija, Triq San Ġużepp, Triq ix-Xgħajra, Triq Felice u tispiċċa ħdejn il-Knisja tas-Santwarju f' Misraħ tal-Madonna Medjatriċi ~~Triq iċ-Ċimiterju~~. Is-Sindku kompla jgħid li għal din l-attività l-Kunsill kien ser jinvolvi l-għaqdiet lokali. Emendati

550.3.24 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fit-30 ta' Novembru, 2021 l-Anzjanità Attiva u l-Kura fil-Komunità kienu ser jorganizzaw *workshop* bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill fis-Sala ir-Ragħaj it-Tajjeb. Is-Sur Joseph Buttigieg qal li dan il-*workshop* kien ser isir bil-għan li jgħinu anzjani sabiex jindirizzaw kwistjonijiet relatati mat-teknoloġija. Is-Sur Joseph Buttigieg żied jgħid li dan il-*workshop* kien se jkun wieħed mill-avvenimenti li ser jiġu organizzati bħala parti minn 'Jum l-Anzjan'. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jingħataw *refreshments* lill-parteċipanti matul dan il-*workshop.*

550.3.25 Is-Sur Joseph Buttigieg nforma lill-Kunsill li kien ser jorganizza laqgħat għall-anzjani li jgħixu fil-komunità ħalli jkollhom tagħrif dwar is-servizzi li joffri d-Dipartiment ta' Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità.

550.3.26 Is-Sur Joseph Agius qal li bejn laqgħa u oħra tal-Kunsill, ikun hemm okkażjonijiet fejn ikun jeħtieġ li jiġu diskussi xi affarijiet. Is-Sindku qal illi kopja tal-korrispondenza li l-Kunsill jirċievi tintbgħat lill-Kunsillieri mis-Segretarju Eżekuttiv permezz tal-*email* u din tiġi ndirizzat mill-Kunsillier responsabbli, skont id-dekasteru.

**550.4 Approvazzjoni tal-minuti tas-Sotto Kumitat**

550.4.1 Ma kienx hemm minuti tas-Sotto Kumitat.

**550.5 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

550.5.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn il-31 ta' Awwissu 2021 u t-28 ta' Settembru 2021 li kienet tammonta għal €101,020.72.

**550.6 Rapport tal-Udituri u Ittra ta' Direzzjoni**

550.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill ir-Rapport tal-Awditur għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2020 flimkien mal-Ittra ta' Direzzjoni u kopja tat-tweġiba għall-punti mqajma f'din l-ittra. Is-Sindku qal li kopja ta' dawn id-dokumenti kienet intbgħatet lil kull membru tal-Kunsill permezz tal-*email.* Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill approva unanimament ir-risposta għall-Ittra ta' Direzzjoni.

**550.7 Għażla tal-Bord għall-ingaġġ ta' Uffiċjal tal-Komunità "Steward" għat-trattament xieraq tal-annimali**

550.7.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li l-għażla tal-Bord għall-ingaġġ ta' Uffiċjal tal-Komunità "Steward" għat-trattament xieraq tal-annimali tkun komposta mis-Sindku, mis-Segretarju Eżekuttiv, mis-Sinjorina Ghislaine Bongailas u mill-Kaptan Patrick Barbara.

**550.8 Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Milied 2021**

550.8.1 Is-Sindku rrefera għall-espressjoni ta' Interess SPI/SCI/6/2021 – Finanzjament Milied 2021 indirizzata biex tagħti opportunità lill-Kunsilli Lokali jorganizzaw programm t'attivitajiet għal żmien il-Milied sabiex tinkoraġġixxi eżebizzjonijiet u tradizzjonijiet tal-Milied antiki Maltin li qed jintilfu. Is-Sindku qal li din l-iskema ħa tkun qed tiffinanzja 90% tal-ispiża għall-attività sa massimu ta' €45,000 (eskluż l-VAT) u l-Kunsill iħallas 10% tas-somma globali. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill qabel unanimament li jissottometti applikazzjoni għal din l-iskema.

**550.9 Attivitajiet tal-Milied**

550.9.1 Is-Sindku qal illi kien ser jinvolvi l-Għaqdiet lokali sabiex flimkien mal-Kunsill jorganizza attivitajiet tal-Milied permezz tal-iskema SPI/SCI/6/2021 – Finanzjament Milied 2021. Is-Sindku spjega li matul il-ġranet tal-Milied kien ser isir tiżjin f'diversi toroq bid-dawl dekorattiv. Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk għal din is-sena l-Kunsill kienx ser iżid toroq ġodda bid-dawl dekorattiv. Is-Sindku qal li s-sena l-oħra t-tiżjin bid-dawl dekorattiv kien sar f'kull żona tal-lokalità u li matul din is-sena kien ser jiżdied id-dawl dekorattiv fil-*Housing Estate*, fi Triq Santa Marija, fiż-żona ta' St Peter u fiż-żona taċ-Ċentru Maria Bambina. Is-Sindku żied jgħid li kienu ser jintużaw l-arbli li ġew mogħtija riċentement sabiex jintramaw is-siġar tal-Milied magħhom. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill qabel unanimament li matul il-ġranet tal-Milied iżejjen it-toroq bid-dawl dekorattiv.

**550.10 Deċiżjoni dwar il-kuntratti;**

- **Servizz ta' *Contracts Manager* (ZLC 2/2021)**

550.10.1 Inqara r-rapport li tħejja mill-Bord ta' Evalwazzjoni tal-Kunsill dwar l-offerti li ġew sottomessi għas-servizz ta' *contracts manager* (ZLC 2/2021). Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat ir-rapport li sar u qalet illi kienu ġew sottomessi erbgħa offerti. Il-Bord ta' Evalwazzjoni kien ikkonkluda li tlett offerti kienu teknikament tajba u kien irrakkomanda li l-Kunsill jagħżel l-aktar offerta vantaġġjuża li kienet mingħand *Yama Yami Limited* għall-prezz ta' €9,480 eskluż il-VAT. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill approva r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni u talab li jitkompla l-proċess sabiex din id-deċiżjoni tiġi komunikata lill-offerenti nvoluti permezz tal-*Electronic Public Procurement System.*

**550.11 Ħatra ta' Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Offerti**

- **Servizz ta' tindif u żamma tas-*soft areas* u *roundabouts* (ZLC 3/2021)**

550.11.1 Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li jinħatar Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Offerti ta' tindif u żamma tas-*soft areas* u *roundabouts* (ZLC 3/2021) u li dan il-Kumitat għandu jkun kompost mis-Sindku bħala *Chairperson*, mis-Segretarju Eżekuttiv, mis-Sur Cameron Farrugia, mis-Sur Brian Farrugia u mis-Sur Marco Cassar.

550.11.2 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jinħatar Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Offerti ta' Xogħol ta' Titjib fil-*Playing Field* 'Ġnien il-Mistrieħ' u li dan il-Kumitat għandu jkun kompost mis-Sindku bħala *Chairperson*, mis-Segretarju Eżekuttiv, mill-Perit Matthew Briffa, mis-Sur Brian Farrugia u mis-Sur Marco Cassar.

550.11.3 Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li jinħatar Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Offerti ta' ġbir ta' skart goff (ZLC 4/2021) u li dan il-Kumitat għandu jkun kompost mis-Sindku bħala *Chairperson*, mis-Segretarju Eżekuttiv, mis-Sur Cameron Farrugia, mis-Sur Brian Farrugia u mis-Sur Marco Cassar.

**550.12 Talba għal rimbors dwar ħsarat fil-vetturi**

550.12.1 Ma kienx hemm talbiet għal rimbors.

**550.13 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

550.13.1 Is-Sur Joseph Agius ressaq talba li kien irċieva mingħand sid ta' *petshop* fi Triq il-Kbira fejn talab lill-Kunsill sabiex iżid *UBAR* oħra ma li hemm quddiem il-ħanut tiegħu minħabba l-kwantita ta' ilma tax-xita li jgħaddi minn din it-triq. Is-Sindku qal illi sabiex isir dan trid tintalab l-approvazzjoni ta' Transport Malta.

550.13.2 Is-Sur Joseph Agius tkellem dwar il-problema tal-ilma tax-xita li jinżel fi Triq iċ-Ċimiterju. Is-Sindku qal illi f'Misraħ San Ġakbu hemm ġibun u parti mill-proġett tal-pjazza kien ser jinkludi li l-ilma tax-xita jiġi konservat f'dan il-ġibjun.

550.13.3 Is-Sur Joseph Agius qal illi kien iddispjaċut għall-mod ta' kif sar is-*seating* matul il-kunċert tal-festa li sar bil-kollaborazzjoni mal-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel. Dan peress illi meta mar il-kunċert ma kienx hemm post riservat għall-Kunsillieri. Is-Sur Joseph Agius talab li l-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel jiskużaw ruħhom dwar dan. Is-Sinjura Anna Calleja ikkonfermat dak li qal is-Sur Joseph Agius minħabba li l-*protocol* ma ġiex osservat. Is-Sindku qal illi kien ser jitkellem mal-kumitat sabiex għal darb'oħra jiġi assigurat li jkun hemm *seating* għall-Kunsillieri f'post xieraq u jekk ikun hemm bżonn jinħarġu sett ta' regolamenti dwar ir-reklamar tal-attività, kemm il-darba l-attività tiġi organizzata bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill. Minkejja li l-kunċert ġie organizzat bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill, is-Sur Mark Grech qal illi huwa m'attendiex għax ma kienx jaf jekk il-Kunsillieri kienux mistiedna, minħabba li l-invit kien intbgħat fl-aħħar ġurnata. Is-Sur Mark Grech staqsa jekk il-problema tas-*seating* inħolqitx minħabba r-restrizzjonijiet marbuta mal-pandemija tal-COVID u talab lill-Kunsill jitlob il-verżjoni tal-Għaqda Madonna tal-Grazja Banda San Mikiel qabel ma tittieħed xi deċiżjoni.

550.13.4 Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk kienx ser isir xogħol ta' *resurfacing* fi Triq Bajada u fi Triq Spadaro. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv. Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi kienu twaħħlu tabelli tal-*one way except for residents* u staqsa jekk dawn it-tabelli kienux twaħħlu temporanjament. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv. Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi f'każ li x-xogħol ikun wieqaf, ir-residenti m'għandhomx jiġu mmultati jekk jgħaddu mit-toroq li fihom ikunu twaħħlu t-tabelli.

550.13.5 Il-Viċi Sindku talbet li Triq il-Mina ta' Hompesch tinkines aktar ta' spiss minħabba li matul dan il-perjodu kien qed jaqa' ħafna żinżel mis-siġar.

550.13.6 Il-Viċi Sindku reġgħet semmiet il-ħtieġa li ssir *platform* taħt il-bankijiet li kienu twaħħlu riċentement fi Triq is-Santwarju. Is-Sindku qal illi kien ser ikellem lill-mastrudaxxa.

550.13.7 Il-Viċi Sindku qalet li fi Triq Alessio Erardi kien qed isir *triple parking*. Is-Sindku qal illi kien ser jitlob li jsir aktar infurzar f'din it-triq. Il-Viċi Sindku staqsiet jekk il-Kunsill jistax jorganizza l-parkeġġ f'din it-triq sabiex jiżdiedu l-parkeġġi. Il-Viċi Sindku talbet li tinstab soluzzjoni u ssuġġeriet li sadanittant isiru *cameras* sabiex ma jibqax isir *triple parking* f'din it-triq.

550.13.8 Is-Sinjura Anna Calleja tkellmet dwar sprall perikoluż tal-ilma tax-xita fi Triq il-Mina ta' Hompesch u qalet li l-Kunsill kien ilu jirraporta li dan l-isprall huwa perikoluż minħabba li fih tarġa iżda baqa' ma sar xejn mill-entitajiet konċernati. Is-Sinjura Calleja qalet li dan l-isprall kien qiegħed viċin Dar San Ġużepp. Is-Sindku qal illi kien ser ikellem lil Transport Malta dwar dan l-isprall.

550.13.9 Is-Sinjura Anna Calleja tkellmet dwar il-*culvert* tal-ilma tax-xita li hemm fi Triq Felice ma' Triq Lia u qalet li l-ilma tax-xita kien qed jieqaf eżattament qabel il-*culvert*. Is-Sindku qal li kien għad irid isir xogħol infrastrutturali fi Triq Felice.

550.13.10 Dwar il-kampanja marbuta mal-*Pink October*, is-Sinjura Anna Calleja ssuġġeriet li jittieħed *group photo* tal-Kunsillieri lebsin bil-kulur roża. Is-Sindku qal illi flimkien mal-Kunsillier responsabbli mill-Sports, is-Sur Angelo Scicluna kien qed jiddiskuti l-possibilità li fl-20 t'Ottubru tiġi organizza logħba *football* bejn personalitajiet Żabbarin u *footballers* tat-*team* tas-*St Patricks* u wara ssir ikla. Is-Sindku ssuġġerixxa li matul din l-attività jittieħed *group photo*. Barra minn hekk is-Sindku żied jgħid li fil-binja tal-Kunsill kien ser ikun hemm rappreżentanti tas-saħħa biex iqassmu materjal promozzjonali sabiex titqajjem kuxjenza dwar il-mard tal-kanċer.

550.13.11 Is-Sinjura Anna Calleja qalet illi flimkien mas-Sindku kienet attendiet attività tal-Aġenzija Żgħażagħ u kien hemm erba' tfajliet jirrappreżentaw lil Ħaż-Żabbar. Matul din l-attività ġiet ippreżentata proposta fosthom dwar il-Monument ta' Agatha Barbara. Is-Sinjura Anna Calleja żiedet tgħid li dawn it-tfajliet ġew mistiedna l-Kunsill sabiex jaqqsmu l-l-idejat tagħhom.

550.13.12 Is-Sur Angelo Scicluna reġa' semma l-ħtieġa li ssir iż-*zebra crossing* maġenb il-grawnd tas-St Patrick. Is-Sindku qal illi kien għaddej b'diskussjonijiet mal-kuntrattur.

550.13.13 Is-Sinjorina Angel Gwynn Louiselle Camilleri staqsiet meta kienet ser titlesta Triq Santa Klara. Is-Sindku qal illi il-kuntrattur kien għadu għaddej bix-xogħlijiet.

550.13.14 Is-Sinjorina Angel Gwynn Louiselle Camilleri semmiet il-ħtieġa li jsir xogħol ta' tindif fi Triq Ħadd in-Nies. Is-Sindku qal illi kien qed jiċċekkja jekk l-iskart goff kienx qiegħed fi proprjetà privata.

550.13.15 Is-Sur Joseph Agius qal illi l-katusa ta' Trejqet Wied ta' Mazza ġiet irranġata.

**550.14 Mozzjonijiet**

550.14.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**550.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

550.15.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ħamis 28 t' Ottubru, 2021 fis-6.00 ta' filgħaxija.

550.15.2 Il-laqgħa spiċċat fit-7.55 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-552 laqgħa li saret nhar il-Ħamis 28 t' Ottubru, 2021

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku